**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 10 ta' Lulju 2025**

**Rikors Numru 134/2024**

**Huruy Amanuel Berhe (K.I. 30113288A)**

**Vs**

**L-Awtorita` Għat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat minn **Huruy Amanuel Berbe** fit-22 ta' Novembru 2024 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. *Illi permezz ta' ittra datata 10 ta' Ottubru 2024 (Dok A) l-intimata Transport Malta għarrfet lir-rikorrenti li kienet qed timponi l-multa amministrativa ta' ħames mitt Euro (€500) fuq ir-rikorrenti talli fl-24 ta' Awwissu 2024 fit-8:30a.m. fi Triq Wesgħa ta' Bir id-Deheb Ħal-Għaxaq, huwa ħalla l-vettura tiegħu KLY 406 fi triq mingħajr ma ggaraxxjaha jew ipparkjaha off-street, u dan bi vjolazzjoni tar-Regolament 17 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68.*

2. *Illi r-rikorrenti talab rikonsiderazzjoni tad-deċiżjoni msemmija, liema talba però ġiet ukoll rifjutata kif jirriżulta mill-ittra datata 30 ta' Ottubru 2024 (Dok B) li l-intimata Transport Malta bagħatitlu.*

3. *Illi permezz tal-ittra Dok B ir-rikorrenti ġie mgħarraf li seta' jintavola appell quddiem dan it-Tribunal.*

4. *Illi r-rikorrenti jħossu aggravat bir-rifjut tal-intimata Transport Malta u għalhekk umilment qiegħed iressaq dan l-appell tiegħu.*

5. *Illi l-fatti ta' dan il-każ huma segwenti:*

*Illi fl-24 t' Awwissu 2024 l-esponenti ħareġ għax-xogħol għal xis-6:00a.m .Huwa jaħdem bħala sewwieq u fil-jum imsemmi kien bil-vettura KLY 406. F'xi ħin ftit wara t-8:00a.m. meta huwa kien fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, huwa rċieva telefonata minn martu li għarfitu li t-tifel tagħhom, tarbija ta' ftit ġimgħat, qaleb ħażin f'daqqa u talbitu jmur bilġri lura d-dar. Ovvjament l-esponenti hekk għamel. Kif wasal ipparkja l-vettura viċin id-dar u fl-istat ta' paniku li kien fih, nesa' jdawwar l-arloġġ li għandu fil-karozza biex juri l-ħin li kien waqaf biha, u qabad u daħal id-dar. Hemmhekk sab lit-tifel jaħraq bid-deni u fi stat ħażin kif propju kienet qaltlu martu. Għalhekk huwa beda jċempel biex ikellem tabib biex ikun jista' jieħu lil ibnu għandu. L-esponenti jikkonferma li d-dar huwa ma damx aktar minn għoxrin (20) minuta u ħareġ bit-tifel biex jieħduh għand tabib.*

*Matul il-ħin kollu li dam id-dar, martu kienet miegħu u lesta li tikkonferma dan bil-ġurament.*

*Meta ħareġ mid-dar l-esponenti sab biljett mal-windscreen b'akkuża li huwa kien kiser il-liġi għax la kien iggaraxxja l-vettura u lanqas ma kien ipparkjaha off-street kif stipulat bir-regolamenti.*

6. *Illi l-esponenti jħoss ruħu aggravat għar-raġunijiet segwenti:*

i. *Illi skond l-istess regolamenti ċitati mill-intimata Transport Malta, sewwieq li jaqa' fil-kategorija kkontemplata mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68. jista' jipparkja fit-triq il-vettura li jkun biha għal sittin (60) minuta jiġifieri ma jiskorrix is-siegħa (ara Artiklu 17 tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja kif amendat bl-Avviż Legali 111 tal-2023).*

*Huwa minnu li l-istess Artiklu jsemmi li s-sewwieq għandu juri b'mod ċar il-ħin li fih jitlaq mill-vettura u dan billi jimmarkah fuq l-arloġġ ossia parking disc imqiegħed mal-windscreen tal-vettura . Però' bir-rispett l-esponenti jirritjeni li l-vjolazzjoni tal-liġi sseħħ mhux għax sewwieq ma jindikax l-ħin li fih ikun telaq mill-vettura imma li <u>huwa jkun dam aktar minn sittin minuta pparkjat fit-triq</u>. Huwa propju dan l-element li jivvjola l-liġi u xejn iktar.*

*Illi fil-każ in eżami l-esponenti jikkonferma li huwa żgur li ma damx ipparkjat fejn id-dar tiegħu għal aktar minn siegħa (kif jistipula r-Regolament), imma huwa dam biss fil-massimu ta' għoxrin (20) minuta u dan bir-raġun għax kellu l-ħtieġa instantanja li jwassal lil ibnu tarbija għand tabib qabel ma sitwazzjoni tat-tifel taggrava t. Kif ġia' ngħad, dwar il-ħin tal-waqfa li għamel l-esponeti, tista' tikkonferma l-istess martu.*

*L-esponenti bir-rispett jirritjeni li s-sempliċi nuqqas tiegħu li ma ndikax il-ħin li fih telaq mill-karozza ma jivjolax il-liġi, iżda jammonta biss għal nuqqas li żgur ma jġorrx il-penalita' ta' ħames mitt Euro (€500). Il- vjolazzjoni kienet isseħħ li kieku huwa dam aktar minn sittin minuta pparkjat fit-triq, ħaġa li ma seħħitx.*

ii. *Illi l-esponenti jissottometti wkoll bir-rispett illi l-istat mentali tiegħu kien wieħed konfużjonarju għax huwa ppanika kif rċieva t-telefonata mingħand martu dwar saħħet*

*ibnu. Dan l-istat ta' fatt jispjega l-istess nuqqas tiegħu li ma jagħmilx l-arloġġ, liema nuqqas rriżulta min ċirkostanza istantanja li ġiet fuqu f'daqqa u li ostakolatlu l-fakulta' mentali li jaġixxi kif suppost. Għalhekk anke f'dan ir-rigward l-esponenti ma jistax jinsab kolpevoli jew addiritura għandu jiġi skużat.*

iii. *Illi fl-aħħar lok l-esponenti qed jappella għall-klemenza ta' dan it-Tribunal stante li barra li huwa jbaghti minn dijabete akuta li ħafna drabi timpedih milli jmur għax-xogħol, huwa għandu erbat itfal żgħar, l-iżgħar wieħed tarbija ta' ftit ġimgħat, u hu l-unika bread winner tal-familja. L-esponenti jirrileva wkoll li l-paga tiegħu mhix biżżejjed u ma tlaħħaqx għall-bżonnijiet tal-familja tant li huwa, martu w uliedu qed jgħixu f'kondizzjonijiet tabilħaqq miżeri. Multa ta' € 500 żgur li tkompli tkissru u tisfronda lilu u lil familtu ekonomikament.*

*Għal dawn ir-raġunijiet u oħrajn li jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni, ir-rikorrenti qiegħed jitlob bir-rispett, sabiex dan it-Tribunal iħassar id-deċiżjoni tat-Transport Malta meta mponiet fuq il-ħlas tal-multa ta' ħames mitt Euro (€500) għar-raġuni msemmija.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` għat-Trasport f'Malta** ppreżentata fl-10 ta' Jannar 2025 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

*1. Illi fl-ewwel lok għandha ssir korrezzjoni fl-okkju biex l-appellata tiġi taqra 'Awtorita' għat-Trasport f'Malta', għalkemm qed jiġi dikjarat li mhux qed jiġi invokat in-nullita' tal-appell interpost.*

*2. Preliminarjament ukoll, l-appellant kellu jippreżenta Lista tax-Xhieda mar-rikors tal-appell.*

*3. Illi, fil-mertu, l-appell interpost mill-appellant huwa kompletament infondat stante illi d-deċiżjoni tal-Awtorita' appellata hija waħda korretta u skond il-liġi in vista tal-fatt illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KLY406 kienet ipparkjata fit-triq waqt li ma kinitx qed tintuża biex tipprovdi servizz ta' trasport ta' passiġġieri u l-parking disc kienet tindika li l-imsemmija vettura kienet ilha hemm ipparkjata għal iżjed minn 60 minuta, u dan bi ksur ta' Regolament 17 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68.*

*4. Illi wkoll għandu jiġi sottolineat li dak li l-appellant jirrakkonta fl-appell odjern dwar x'ġara jew suppost li ġara ma kienx ġie minnu rilevat fl-ittra tiegħu b'talba għal rikonsiderazzjoni, u għalhekk fl-ewwel lok dan jinċidi fuq il-kredibilita' tal-appellant u fit-tieni lok dan l-Onorabbli Tribunal ma jista' qatt jiddeċiedi illi d-deċiżjoni tal-Awtorita esponenti li tirrifjuta t-talba għal rikonsiderazzjoni kienet waħda skorretta.*

*5. Illi għalhekk l-appell interpost jimmerita li jiġi miċħud bl-ispejjeż.*

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi b'ittra mibgħuta mill-Awtorita` intimata fl-10 t'Ottubru 2024, ir-rikorrent ġie nfurmat illi l-istess Awtorita` kienet qed timponi multa amministrattiva ta' ħames mitt ewro (€500) kontra r-rikorrent stante li fl-24 t'Awwissu 2024 kien ħalla l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KLY406 ipparkjata fit-triq għal iktar min siegħa bi ksur tar-Regolament 17 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68. Illi f'din il-komunikazzjoni, l-Awtorita` għarrfet lir-rikorrent li seta' jikkontesta din id-deċiżjoni billi jippreżenta r-rappreżentazzjonijiet tiegħu fi żmien għaxart (10) ijiem.[1]

Jirriżulta li fit-23 ta' Ottubru 2024, ir-rikorrent bagħat emejl lill-Awtorita` intimata fejn għamel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu, u ċioe` infurmaha li fid-data tal-infrazzjoni, għall-ħabta tas-7.30am kienet ċemplitlu l-mara tiegħu u qaltlu li binhom ta' xahar kien marid. Għalhekk hu mar direttament id-dar pero` nesa' jpoġġi d-diska tal-parkeġġ fuq id-*dashboard* biex juri l-ħin li pparkja. Meta rritorna fil-vettura, wara xi għoxrin (20) minuta sab it-*ticket*.[2]

Illi dawn ir-rappreżentazzjonijiet ma ġewx milqugħa u permezz ta' ittra datata 30 ta' Ottubru 2024, l-Awtorita` intimata kkomunikat id-deċiżjoni finali tagħha.

Illi għall-aħjar intendiment tal-appell, it-Tribunal se jiċċita Regolament 17 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68, u ċioe`:

*17. (1) L-operatur għandu jiżgura li kwalunkwe vettura żgħira għall-ġarr ta' passiġġieri użata fl-operazzjonijiet tiegħu skont il-liċenzja ta' operatur tiegħu għandha, waqt li ma tkunx qed tintuża tiġi garaxxjata jew ipparkjata mhux fit-triq fil-faċilità tal-iggaraxxjar deskritta skont il-liċenzja tiegħu:*

*Iżda vettura żgħira għall-ġarr ta' passiġġieri li ma tkunx qiegħda tintuża, iżda li tkun qiegħda tinstaq minn xufier li jkun disponibbli sabiex jiġi bbukkjat għall-kiri matul il-ħin tax-xogħol jew ix-xift tiegħu, jew li tkun ipparkjata skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2), ma għandhiex tkun meħtieġa li tiġi garaxxjata jew ipparkjata mhux fit-triq.*

*(2) Bla ħsara għas-subregolament (1), vettura żgħira għall-ġarr ta' passiġġieri li ma tkunx qed tintuża tista' titħalla pparkjata fit-triq skont il-liġi:*

***(a) għal ħin limitat li ma jaqbiżx sittin (60) minuta, diment li x-xufier tal-vettura għandu jesebixxi diska tal-parkeġġ fuq il-wiċċ tad-dashboard b'mod ċar u viżibbli min-naħa***

[1] Dokument A a fol. 4
[2] A fol. 28

***ta'barra tal-windscreen u x-xufier għandu jirregola d-diska tal-parkeġġ sabiex din tkun turi b'mod kemm jista' jkun korrett il-ħin li fih ikun ħalla l-vettura tiegħu pparkjata; u***

*(b) f'distanza ta' linja dritta ta' mhux inqas minn mitejn u ħamsin (250) metru minn vened ta' taxi li jinsabu fil-postijiet li ġejjin:*

*(i) fis-siti kollha tal-irmiġġ tal-vapuri tal-passiġġieri;*
*(ii) fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta; u*
*(iii) fi Vjal ir-Re Dwardu VII fil-Furjana; u*

*(ċ) f'distanza ta' linja dritta ta' mhux inqas minn mitt (100) metru minn kull venda ta' taxi oħra; u, jew*

*(d) f'distanza ta' linja dritta ta' mhux inqas minn ħmistax-il (15) metru minn kwalunkwe bus stop:*

*Iżda dan is-subregolament ma għandux japplika għal dak il-ħin li matulu x-xufier tal-vettura jkun qiegħed itella' passiġġieri fil-vettura jew qiegħed iniżżel passiġġieri mill-vettura:*
*Iżda wkoll ir-rekwiżit tal-ħin stipulat f'dan is-subregolament ma għandux ikun applikabbli kemm-il darba x-xufier ikun u jibqa'fil-vettura. Iżda r-rekwiżi tad-distanza għandu jibqa'japplika.*

*(3) Bil-għan li tiġi żgurata konformità mar-rekwiżit tad-distanza stipulat f'dan ir-regolament, l-Awtorità għandu jkollha d-dritt li titlob lill-operaturi ta' servizzi ta' ġarr ta'passiġġieri b'vetturi żgħar u lid-detenturi ta' awtorizzazzjoni sabiex jaġixxu bħala pjattaforma intermedjarja għas-servizz ta' prenotazzjoni sabiex ma jikkomunikaw bl-ebda mod xi talbiet ta' prenotazzjoni jew kwalunkwe informazzjoni relatata lix-xufiera li jkunu jinsabu bil-vetturi tagħhom fid-distanzi pprojbiti minn vened ta' taxi u bus stops.*

*(4) Fil-każ li l-operatur ma jkunx jista' jagħmel użu mill-faċilitajiet tal-iggaraxxjar deskritti skont il-liċenzja tiegħu, huwa għandu fi żmien sebat (7) ijiem iġib dan il-fatt għall-attenzjoni tal-Awtorità. L-Awtorità tista' tagħti lill-operatur żmien sabiex isib faċilitajiet tal-iggaraxxjar alternattivi li għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-Awtorità.*

*(5)Fil-każ li l-operatur japplika sabiex jirreġistra aktar vetturi żgħar għall-ġarr ta' passiġġieri taħt liċenzja eżistenti, huwa għandu jiżgura lik walunkwe tali vetturi oħra jistgħu jiġu akkomodati fil-faċilitajiet tal-iggaraxxjar eżistenti deskritti fil-liċenzja tiegħu. Fil-każ li l-faċilitajiet tal-iggaraxxjar tal-operatur eżistenti ma jkunux suffiċjenti sabiex jakkomodaw iż-żieda fin-numru ta' vetturi bil-mutur, l-operatur għandu japplika mal-Awtorità għall-awtorizzazzjoni fir-rigward taż-żieda tal-faċilitajiet tal-iggaraxxjar meħtieġa sabiex jakkomodaw iż-żieda fin-numru ta' vetturi.*

*(6) Kwalunkwe applikazzjoni skont is-subregolamenti (4) u (5) għandha tkun akkumpanjata bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 7(1)(d) u (e), flimkien mal-ħlas tad-drittijiet meħtieġa.*

Illi t-Tribunal josserva illi r-rikorrent isostni li huwa ma damx iktar minn sittin (60) minuti wieqaf fit-triq u kwindi ma setax jigi penalizzat għall-fatt biss li ma kienx indikat l-ħin fuq il-*parking disc*. Illi t-Tribunal josserva illi l-funzjoni tal-*parking disc* huwa fil-fatt dak li jiddetermina jekk il-karozza tkunx ilha iktar minn sittin (60) minuta jew le ipparkjata fit-triq. Filwaqt li kif jgħid tajjeb ir-rikorrent, il-vjolazzjoni sseħħ jekk ikun qabeż l-ammont ta' ħin imsemmi, dan ikun jista' jiġi aċċertat biss jekk is-sewwieq jimmarka l-ħin li huwa jipparkja l-vettura. Illi għalhekk l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Fir-rigward tat-tieni u t-tielet aggravju, ir-rikorrent jistqarr illi huwa nesa jimmarka l-ħin peress li kienet ċemplitlu martu u qaltlu biex imur malajr id-dar għaliex it-tifel tagħhom kien marid. Fil-fatt ir-rikorrent spjega li hu hekk għamel, ipparkja l-vettura viċin id-dar tiegħu u reġa' ħareġ biex ħa t-tifel għand it-tabib.

Illi fir-rikors tiegħu ir-rikorrent jirrileva li huwa għandu kundizzjoni medika li jbati minnha u li għandu erbat itfal żgħar u li għalhekk il-multa mposta se toħloqlu problemi finazjarji. Filwaqt li dan it-Tribunal jifhem dan kollu, madanakollu dawn kollha huma konsiderazzjonjiet li ma jistax jieħu kont tagħhom fil-ġudizzju tiegħu, liema ġudizzju irid ikun bażat biss u esklussivament abbażi ta' dak li tiddetta l-liġi. Li kieku kien mod ieħor iċ-ċertezza u l-oġġettivita` li trid il-liġi jisfumaw fix-xejn.

Illi t-Tribunal josserva illi r-rikorrent kellu numru ta' provi li seta' jressaq quddiem l-Awtorita` intimata u quddiem dan it-Tribunal li jikkorroboraw dak li huwa qed isostni, bħal pereżempju telefonati fuq il-mobile tiegħu da parti ta' martu, xi konferma tal-viżta li saret għand it-tabib, xi *tracking* tal-vettura tiegħu fejn kienet qabel ġiet ipparkjata f'Wesgħa Bir id-Deheb, Ħal Għaxaq u fejn marret eżatt kif telqet mill-imsemmi post, u lil martu biex tikkonferma dak kollu relatat minnu. Pero` ebda prova bħal dik imsemmija hawn fuq ma nġabet. Ir-rikorrent għażel biss li jagħti x-xhieda tiegħu. Illi filwaqt li huwa prinċipju assodat li xhud wieħed biss, jekk kredibbli, huwa biżżejjed biex tiġi ppruvata verżjoni jew oħra, fil-każ odjern it-Tribunal iqis li x-xhieda tar-rikorrent waħdu ma hix biżżejjed biex temmen il-verżjoni li offrielu.

Għaldaqstant, it-Tribunal ma jsib xejn irraġjonevoli jew irregolari fid-deċiżjoni appellata.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**